

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

12.1.2009

B6-0057/2009

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Francis Wurtz, Luisa Morgantini, Kyriacos Triantaphyllides, Miguel Portas u Feleknas Uca

f'isem il-Grupp GUE/NGL

dwar il-Qagħda fil-Lvant Nofsani/il-Medda ta' Gaza

B6-0057/2009

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-qagħda fil-Lvant Nofsani/il-Medda ta' Gaża

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Lvant Nofsani, b'mod partikolari dawk tas-16 ta' Novembru 2006 dwar is-sitwazzjoni fl-Istrixxa ta' Gaża, tat-12 ta' Lulju 2007 dwar il-Lvant Nofsani, tal-11 ta' Ottubru 2007 dwar is-sitwazzjoni umanitarja f'Gaża u tal-21 ta' Frar 2008 dwar is-Sitwazzjoni f'Gaża,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet 242 (1967), 338 (1973) u 1860 tat-8 ta' Jannar 2009 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU,
 - wara li kkunsidra r-Raba' Konvenzjoni ta' Ġinevra (1949),
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani tat-30 ta' Diċembru 2008,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fis-27 ta' Diċembru 2008, l-Iżrael nieda offensiva militari f'Gaża, li hija l-iktar azzjoni militari sinifikanti Iżraeljana mill-Gwerra tas-Sitt Ijiem tal-1967,
- B. billi skont l-aħħar rapporti l-operazzjoni Iżraeljana s'issa swiet il-ħajja ta' madwar 1000 persuna f'Gaża, ħafna minnhom tfal u nisa, ikkawżat eluf ta' korrimenti u rriżultat fil-qerda ta' djar, skejjel u infrastrutturi ċivili ewlenin oħrajn, kif setgħu jixhdu wkoll xi Membri ta' din il-Kamra tul iż-żjara riċenti tagħhom f'Rafah,
- C. billi ħafna rapporti jafferaw li l-Armata Iżraeljana qed tuża munizzjonijiet bil-fosfru, b'mod li qed tikkawża feriti aktar serji,
- D. billi l-punti ta' passaġġ fuq il-fruntiera biex wieħed jidħol u jidher minn Gaża ilhom ma għadhom għal 18-il xahar u l-imblokk li qed jipprevjeni l-moviment tal-persuni u tal-prodotti affettwa l-ħajja ta' kuljum tal-abitanti u kompli pparalizza l-ekonomija fil-Medda ta' Gaża, u billi l-politika ta' iżolament tal-Medda ta' Gaża falliet kemm f'termini politiċi u kif ukoll umanitarji,
- E. billi l-gwerra Iżraeljana u l-imblokk tal-Medda ta' Gaża jirrapreżentaw kastig kollettiv li jkser il-liġi umanitarja internazzjonali, u billi r-rapporteur speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-Palestinjani fix-Xatt tal-Punent u f'Gaża ddikjara li l-imblokk ta' Gaża jammonta għal delitt kontra l-umanità,
- F. billi l-appoġġ finanzjarju konsiderevoli li l-Unjoni Ewropea tagħti lill-Palestinjani kellu rwol importanti fl-isforzi biex jiġi evitat li jkun hemm katastrofi umanitarja fil-Medda ta' Gaża u fix-Xatt tal-Punent, iżda ma rnexxielux jagħti kontribut għall-proċess politiku; billi

l-aħħar żvilupp huwa wkoll riżultat ta' politika tal-UE u ta' parteċipanti internazzjonali oħra, li għal għexieren ta' snin taw l-impunità lill-Iżrael għal vjolazzjonijiet kontinwi u permanenti tal-liġi internazzjonali u dik umanitarja internazzjonali,

1. Jikkundanna b'qawwa l-offensivi kbar mill-forzi tal-ajru u tal-art Iżraeljani f'żona b'densità għolja ta' popolazzjoni, gwerra li qed tissarraf f'numru dejjem akbar ta' vittmi fost il-popolazzjoni ċivili u li qed tikkawża l-qerda kbira tal-infrastrutturi ċivili;
2. Jesprimi s-simpatija tiegħu għall-popolazzjoni ċivili affettwata mill-vjolenza f'Gaza; jiddeplora b'qawwa l-fatt li ntlawt wkoll miri ċivili u tan-NU;
3. Jitlob li jkun hemm waqfien mill-għied immedjat, dejjiemi u li jkun irrispettat b'mod sħiħ, li jwassal għall-irtirar komplet tal-forzi kollha tal-okkupazzjoni Iżraeljani minn Gaza, u jitlob li jkun hemm tregwa nneozjata li għandha tiġi garantita permezz ta' mekkaniżmu, li għandu jitwaqqaf mill-komunità internazzjonali, li jkun jinkludi forza ta' protezzjoni multinazzjonali;
4. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni 1860 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tat-8 ta' Jannar 2009;
5. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri tal-UE biex jagħmlu pressjoni bil-ħsieb li tiġi implimentata r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u biex titwaqqaf il-vjolenza li għadha għaddejjja; ihegġegħ lill-Istati Membri biex jieqfu jfornu l-armi lill-Iżrael;
6. Jikkundanna l-attakki bir-rokits mill-Hamas fuq persuni ċivili Iżraeljani; jesprimi s-simpatija tiegħu għall-popolazzjoni ċivili Iżraeljana affettwata mill-vjolenza; jistieden lill-Hamas biex twaqqaf l-attakki bir-rokits u biex iġġorr ir-responsabilitajiet tagħha billi timpenja ruħha fi proċess politiku;
7. Jenfasizza l-importanza kbira li jiġġeddu l-isforzi biex tintlaħaq ir-rikonċiljazzjoni inter-Palestinjana u jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' konnessjoni ġeografika permanenti bejn il-Medda ta' Gaza u x-Xatt tal-Punent u r-riunifikazzjoni paċifika u dejjiema tagħhom;
8. Itenni l-fehma tiegħu li ma jistax ikun hemm soluzzjoni militari għall-kunflitt bejn l-Iżrael u l-Palestinjani; jilqa' b'sodisfazzjon, għaldaqstant, l-azzjoni diplomatika kollha li twettqet; jistieden lill-Kunsill biex jagħmel kull sforz biex jerġa' jagħti l-ħajja lill-Kwartet u biex jiffaċilita n-negozjati bejn il-partijiet kollha kkonċernati;
9. Jirrimarka li l-azzjoni militari Iżraeljana farrket b'mod irriversibbli l-proċess ta' Annapolis u qed tipperikola l-kisbiet limitati kollha u t-tamiet li għad fadal għal soluzzjoni nneozjata komprensiva tal-kunflitt fuq perjodu medju ta' żmien;
10. Jenfasizza li soluzzjoni ġenwina għall-kriżi attwali tista' tinstab biss permezz ta' negozjati onesti, l-irtirar ta' Iżrael mit-territorji okkupati sa mill-1967 u soluzzjoni aħħarija, ġusta u dejjiema għall-kunflitt bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani li tista' tkun biss is-soluzzjoni taż-żewġ stati - it-twaqqif ta' Stat Palestinjan fuq il-bażi tal-fruntieri tal-1967, bil-Lvant ta' Ġerusalemm bħala l-kapitali tiegħu, u soluzzjoni komprensiva

għar-rifuġjati Palestinjani kollha fuq il-bażi tar-Riżoluzzjoni 194 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU;

11. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar id-destin u s-sikurezza tal-1.5 miljun Palestinjan maqbuda f'Gaża mingħajr ebda possibilità li jtilqu mill-Medda; hu tal-fehma li waqfien mill-ibbumbardjar ta' tliet sigħat kuljum għadu mhux biżżejjed biex jiġi indirizzat id-diżastru umanitarju ta' bħalissa, li jista' jiġi indirizzat biss permezz ta' waqfien mill-ġlied immedjat u dejjiemi; jirrimarka li l-kriżi preżenti qed taggrava s-sitwazzjoni li ħoloq l-imblokk fuq il-Medda ta' Gaża impost mill-awtoritajiet Iżraeljani mill-2007;
12. Jistieden lill-awtoritajiet Iżraeljani biex jippermettu li jitwasslu ikel, għajnuna medika urġenti u fjuwil fil-medda ta' Gaża, billi jinfetħu l-punti ta' passaġġ fuq il-fruntiera u jitneħħa l-imblokk; iħeġġeġ, b'mod partikolari, lill-awtoritajiet Eġizzjani biex jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jifethu l-punt ta' passaġġ fuq il-fruntiera li hemm f'Rafah sabiex ir-rifuġjati u l-popolazzjoni ċivili tkun tista' titlaq u l-għajnuna umanitarja tkun tista' titwassal;
13. Iqis li l-implimentazzjoni mill-ġdid immedjata tal-Ftehma dwar Il-Moviment u l-Aċċess (AMA) u tal-Prinċipji Miftiehma għall-Punt ta' Passaġġ fuq il-Fruntiera li hemm f'Rafah (APRC), konklużi f'Settembru 2005 minn Iżrael u mill-Awtorità Palestinjana wara l-irtirar unilaterali ta' Iżrael mill-Medda ta' Gaża, trid tkun iggarantita bla restrizzjoni u jistieden lill-Kunsill biex jerġa' jibda l-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE f'Rafah;
14. Jikkritika b'qawwa d-deċizzjoni tal-awtoritajiet Iżraeljani li ma jħallux ġurnalisti jidħlu fil-Medda ta' Gaża u li jawtorizzaw biss numru limitat ta' konvojs umanitarji; jitlob li l-osservaturi internazzjonali jingħataw aċċess mingħajr xkiel u mingħajr kontrolli biex ikun possibbli li jkun hemm investigazzjoni tad-delitti mwettqa qabel u matul l-offensiva militari;
15. Jenfasizza li l-politika tal-UE u ta' parteċipanti internazzjonali oħra li tingħata impunità lill-Iżrael għal vjolazzjonijiet tal-liġi internazzjonali u dik umanitarja internazzjonali falliet; jistieden lill-Kunsill, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex fl-aħħar jiġbdu l-konklużjonijiet minn dan il-fatt;
16. Iqis li l-attakki Iżraeljani fuq Gaża jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-ftehma ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael, l-aktar dawk relatati mal-klawżola tad-drittijiet tal-bniedem, li hija meqjusa f'termini legali bħala element essenzjali tal-ftehma; huwa tal-fehma li fid-dawl tal-iżviluppi riċenti, u f'konformità mal-Artikolu 2 tagħha, il-Ftehma ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael għandha tiġi sospiża;
17. Jerġa' jafferma li l-iżvilupp tar-relazzjonijiet UE-Iżrael irid ikun jiddependi b'mod qawwi fuq ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-liġi umanitarja internazzjonali, fuq it-tmiem tal-kriżi umanitarja f'Gaża u fit-Territorji Palestinjani Okkupati, fuq impenji ġenwini rigward soluzzjoni ta' paċi komprensiva u fuq l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehma ta' Assoċjazzjoni Interim UE-PLO; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex immedjatament iwaqqfu l-proċess tat-titjib tar-relazzjonijiet UE-Iżrael;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Mibgħut tal-Kwartett għal-Lvant Nofsani, lill-President tal-Awtorità Palestinjana, lill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan, lill-Gvern tal-Iżrael, lill-Knesset, u lill-Gvern u l-Parlament Eġizzjan.